

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Wirt](#) > [Suċċessjonijiet](#) > [Estonia](#)

## Suċċessjonijiet

 **Estonja**

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

*L-iskeda informattiva ġiet ippreparata b'kooperazzjoni mal-Kunsill tan-Nutara tal-UE (CNUE)*

### 1 Kif titfassal dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni (testment, testment konġunt, ftehim dwar is-suċċessjoni) malli jmut xi ħadd?

It-testatur jista' jfassal arranġamenti għall-propjetà tiegħu f'każ ta' mewt permezz ta' testment jew ftehim dwar is-suċċessjoni. It-testament jista' jkun att notarili jew att privat. It-testatur jista' jħassar it-testament jew parti minnu meta' jrid permezz ta' testment ieħor jew ftehim dwar is-suċċessjoni. Dan ma japplikax għat-testment unika charta bejn il-miżżewġin, għaliex f'dak ir-rigward japplikaw regoli speċjali dwar it-tibdil u r-revoka tiegħu.

#### Testmenti notarili

Testment notarili huwa testment awtentikat minn nutar jew testment li jkun ġie mħejji mit-testatur u ddepożitat ma' nutar f'envelope issiġillat għall-konservazzjoni.

F'testment nutarili, in-nutar jagħti l-forma notarili lill-att li jkun ħejja skont id-dispożizzjoni testamentarja tat-testatur, jew inkella t-testment jiġi mħejji mit-testatur li mbagħad jgħaddih lin-nutar għan-notarizzazzjoni. It-testament nutarili għandu jiġi ffirmat mit-testatur quddiem in-nutar.

Testment awtentikat minn nutar jista' jsir ukoll minn minorenni li jkun għalaq tal-inqas 15-il sena. Dan it-testatur minorenni ma għandux bżonn il-kunsens tar-rappreżentant legali tiegħu.

F'każ ta' testment iddepożitat ma' nutar biex jiġi preservat, it-testatur jgħaddi personalment lin-nutar id-dispożizzjoni testamentarja tiegħu f'envelope issiġillat, fejn jiddikjara lin-nutar illi dak huwa t-testment tiegħu. F'dak il-każ, in-nutar ifassal att notarili dwar il-fatt illi t-testment ġie ddepożitat, u l-att jiġi ffirmat mit-testatur u min-nutar. It-testatur jista' dejjem jirtira testment iddepożitat ma' nutar. F'dak il-każ, in-nutar ifassal att notarili dwar il-fatt illi t-testment ġie rtirat, u l-att jiġi ffirmat minnu u mit-testatur.

Ma hemmx preskrizzjoni fuq il-validità tat-testmenti notarili, jiġifieri huma jibqgħu fis-seħħ sakemm jinbidlu jew jiħassru.

#### It-testamenti privati

Testment privat huwa jew testment iffirmit fil-preżenza ta' xhieda jew testment olografiku.

It-test ta' testment privat iffirmit quddiem ix-xhieda ma hemmx għalfejn ikun ippreparat mit-testatur (u l-anqas hemm għalfejn ikun miktub bl-idejn), iżda jrid jiġi ffirmat fil-preżenza ta' mill-inqas żewġ xhieda b'kapaċità ġuridika, u jridu jitniżżlu wkoll id-data u s-sena meta' sar it-testment. Ix-xhieda jridu jkunu preżenti t-tnejn

flimkien għall-iffirmar. It-testatur irid jinnotifika lix-xhieda illi ġew imsejħa bħala xhieda għat-testment u li t-testment jirrappreżenta l-aħħar xewqat tiegħu. Ix-xhieda ma hemmx għalfejn ikunu jafu x'fih it-testment. Wara li t-testment ikun ġie ffirmat mit-testatur, jiffirmawh minnufih ukoll ix-xhieda. Ix-xhieda jikkonfermaw bil-firem rispettivi tagħhom illi t-testatur iffirma t-testment personalment u illi mill-aħjar li jistgħu it-testatur kellu kapaċità ġuridika u kapaċità intellettuali. Persuna ma tistax toqgħod xhud jekk l-axxendenti, id-dixxendenti, ħutha u d-dixxendenti tagħhom, il-konjuġi tagħha jew l-axxendenti u dixxendenti tiegħu se jibbenefikaw mit-testment li qed isir.

Testment olografiku privat jrid jiġi miktub mit-testatur bil-kitba tiegħu stess mill-bidu sal-aħħar (ma jistax jiġi ttajpat, stampat jew imħejji b'mod mekkaniku ieħor), bid-data u s-sena meta' sar. Testment olografiku jrid jiġi ffirmat personalment mit-testatur.

It-testatur jista' jżomm għandu testment privat jew itih lill-ħaddieħor għall-konservazzjoni.

Testment privat isir invalidu sitt xhur wara li jkun sar jekk it-testatur ikun għadu ħaj. Jekk it-testment privat ma jispeċifikax id-data jew sena li fih ikun sar, u mhux possibbli jiġi ddeterminat mod ieħor il-ħin li fih ikun sar it-testment, it-testment huwa null.

It-testmenti unica charta

Testment unica charta huwa testment li jsir mill-konjuġi flimkien, fejn kull wieħed minnhom jisemma bħala l-werriet tal-ieħor, jew li fih jagħmlu arranġamenti dwar il-wirt f'każ ta' mewt.

F'testment unica charta fejn il-konjuġi huma l-werriet waħdieni ta' xulxin, il-konjuġi jistgħu jindikaw min jiret sehem il-konjuġi superstiti mal-mewt.

Testment unica charta jrid jiġi awtentikat minn nutar. In-nutar jipprepara dan it-tip ta' testment skont ir-rieda testamentarja tal-konjuġi, li mbagħad jiffirmawh quddiemu.

Dispożizzjoni f'testment unica charta tista' tiġi revokata minn kull wieħed minnhom sakemm ikunu għadhom ħajjin. Testment li fih tkun ġiet revokata din id-dispożizzjoni jrid jiġi awtentikat minn nutar. Id-dispożizzjoni tiġi meqjusa revokata meta' l-konjuġi l-ieħor jiġi nnotifikat, permezz ta' proċedura notarili, dwar ir-revoka ta' din id-dispożizzjoni. Wara l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi, il-konjuġi superstiti jista' jirrevoka d-dispożizzjoni testamentarja tiegħu biss jekk huwa jirrinunzja għal sehem mill-wirt imħolli lill-permezz ta' testment unica charta.

Testment unica charta jsir null jekk jintemm iż-żwieġ qabel il-mewt tat-testatur. It-testment isir null ukoll jekk qabel mewtu, it-testatur kien ressaq rikors għad-divorzju quddiem il-qorti jew ta l-kunsens bil-miktub tiegħu għad-divorzju, jew kellu dritt għall-annullament taż-żwieġ u ressaq rikors f'dan is-sens il-qorti.

Ftehimiet dwar is-suċċessjoni

Ftehim dwar suċċessjoni huwa ftehim bejn it-testatur u persuna oħra, fejn it-testatur jindika lill-kontroparti jew persuna oħra bħala eredi u jispeċifika legat, obbligu testamentarju jew ordni testamentarju. Ftehim dwar is-suċċessjoni jista' jiġi konkluż ukoll mit-testatur u l-werriet bla wirt dwar il-fatt illi l-werriet irrinunzja għall-wirt.

Ftehim dwar is-suċċessjoni jista' jkun fih dispożizzjonijiet unilaterali tat-testatur; f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet speċifikati fit-testment japplikaw għal dawk unilaterali.

Il-ftehimiet dwar is-suċċessjoni jridu jiġi mħejjija u awtentikati minn nutar. Mbagħad jiġu ffirmati fil-preżenza ta' nutar.

Ftehim dwar is-suċċessjoni jew dispożizzjoni fil-ftehim tista' titħassar jew tiġi revokata sakemm il-partijiet ikunu għadhom ħajjin permezz ta' ftehim awtentikat minn nutar bejn l-individwi jew permezz ta' ftehim ġdid dwar is-suċċessjoni.

Jekk isir ftehim ta' suċċessjoni f'ċirkostanzi li jagħtu lok għat-tħassir tal-ftehim skont il-[Parti Ġenerali tal-Att dwar il-Kodiċi Ċivili](#), it-tħassir tal-ftehim jista' jintalab ukoll wara l-mewt tat-testatur minn persuna li jkollha d-dritt taret f'każ tal-invalidità tal-ftehim ta' suċċessjoni jew ta' dispożizzjoni fih.

Barra minn hekk, il-ftehim dwar is-suċċessjoni jista' jiġi rtirat. It-testatur jista' jirtira mill-ftehim dwar is-suċċessjoni jekk dan id-dritt ikun ġie inkluż fil-ftehim stess. L-irtirar jista' jsir ukoll jekk il-persuna li se taret tikkommetti reat kontra t-testatur, il-konjuġi, l-axxendenti jew dixxendenti tiegħu, jew jekk il-kontroparti bi ħsieb kisret l-obbligu tagħha li tagħti manteniment lit-testatur skont il-liġi. It-testatur għandu wkoll id-dritt jirtira mill-ftehim fejn waħda mill-partijiet għall-ftehim dwar is-suċċessjoni li għandha obbligu twettaq obbligi aktar minn darba għat-testatur matul ħajtu- fuq kolloxx, li tmantnih - bi ħsieb u materjalment tikser dan l-obbligu. L-irtirar mill-ftehim dwar is-suċċessjoni jsir permezz ta' dikjarazzjoni awtentikata minn nutar lill-kontroparti. F'każ ta' ftehim reċiproku dwar is-suċċessjoni, jekk id-dritt ta' rtirar ikun ġie miftiehem fil-ftehim stess, il-ftehim kollu jsir null jekk waħda mill-partijiet tirtira minnu, sakemm mhux speċifikat mod ieħor fil-ftehim. Id-dritt ta' rtirar minn ftehim reċiproku jaqa' mal-mewt ta' waħda mill-partijiet. Wara l-mewt ta' waħda mill-partijiet, il-parti superstiti tista' tirrevoka d-dispożizzjoni testamentarja tagħha biss jekk hija tirrinunzja għal sehemha mill-wirt imħollija lilha permezz tal-ftehim dwar is-suċċessjoni.

## 2 Id-dispożizzjoni għandha tkun irreġistrata u jekk iva, kif?

It-testamenti nutarili u l-ftehimiet dwar is-suċċessjoni dejjem għandhom jiġu rreġistrati fir-reġistru tas-suċċessjoni fil-ġurnata tax-xogħol wara n-notarizzazzjoni tal-att nutarili. Barra minn hekk, in-nutara jridu jirreġistraw fir-reġistru tas-suċċessjoni kull tibdil fil-ftehimiet dwar is-suċċessjoni, ftehimiet dwar it-terminazzjoni tagħhom u dikjarazzjonijiet ta' rtirar ta' ftehimiet dwar is-suċċessjoni. Il-ksur tal-obbligi tar-reġistrazzjoni ma jaffettwax il-validità tat-testament.

Testment privat jista' jiġi rreġistrat fir-reġistru tas-suċċessjoni mit-testatur jew minn kull persuna oħra li għandha informazzjoni dwar it-testament privat u ġiet mitluba tagħmel entrata mit-testatur. Ir-reġistrazzjoni tat-testamenti privati fir-reġistru tas-suċċessjoni mhix obligatorja.

It-testamenti nutarili u l-ftehimiet dwar is-suċċessjoni jiġu rreġistrati fir-reġistru dwar is-suċċessjoni min-nutar li awtentika t-testament jew ftehim dwar is-suċċessjoni jew ma' min tħalla t-testament. Biex jagħmel dan, in-nutar jagħmel entrata fir-reġistru tas-suċċessjoni jew jissottometti avviż fir-reġistru. Mill-ewwel ta' Jannar 2015, in-nutara mhux se jibqgħu jibagħtu avviżi lir-reġistru tas-suċċessjoni, iżda minflok jemendaw id-*data* tar-reġistru permezz ta' entrati f'dak is-sens.

Id-*data* dwar it-testamenti domestiċi tista' tiddaħħal fir-reġistru tas-suċċessjoni permezz tal-portal tal-Istat <https://www.eesti.ee> minn kull min jaf li sar testament u ġie mitlub idaħħal entrata.

## 3 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà li wieħed jiddisponi mill-beni wara l-mewt (pereżempju sehem riżervat)?

Ġeneralment ma hemmx restrizzjonijiet fuq il-libertà li jsir testament, u l-anqas id-dritt tat-testatur li jiddisponi minn ħwejġu mhu ristrett jekk huwa għamel testament.

Il-libertà li jsir testament hija ristretta mill-istituzzjoni tal-porzjoni riservata, li tillimita l-libertà tat-testatur li jħalli ħwejġu lill-werriet tal-għażla tiegħu. Id-dritt biex tintalab il-porzjoni riservata mingħand il-werrieta jsejtni jekk it-testatur, b'testament jew ftehim dwar is-suċċessjoni jkun iddizereda lil dixxendent, lill-ġenituri tiegħu jew konjuġi li kellhom dritt jirtu *ab intestato* u li fir-rigward tiegħu it-testatur għandu, fi żmien il-mewt tiegħu, obbligu ta' manteniment skont l-Att dwar il-Liġi tal-Familja jew it-testatur ikun naqqas l-ishma tal-wirt meta' mqabbla mal-ishma skont is-suċċessjoni *ab intestato*. Il-benefiċjarju tal-porzjoni riservata għalhekk għandu dritt kontra l-werrieta skont l-Att dwar il-Liġi tal-Obbligi. It-talba teżisti minħabba l-fatt illi l-persuna li għandha dritt tirċievi l-porzjoni riservata tista' titlob il-ħlas ta' ammont ta' flus ekwivalenti għall-porzjoni riservata ibbażata fuq il-valur tal-wirt. Il-persuna li teżegwixxi d-dritt għall-porzjoni riservata mhix werrieta. L-ammont tal-porzjoni riservata hija nofs il-valur tas-sehem tal-wirt li kien jirċievi werriet fil-każ ta' suċċessjoni skont il-liġi, li kieku l-werrieta kollha aċċettaw il-wirt.

Minbarra s-sehem tal-patrimonju tiegħu, il-konjuġi tat-testatur jista' jitlob l-istabbiliment ta' dritt personali għall-użu ta' proprjetà immobbli li kienet id-dar matrimonjali tal-miżżewġin, dment li l-istandard tal-ħajja tal-konjuġi tat-testatur jiddeterjora minħabba s-suċċessjoni. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Suprema, il-konjuġi tat-testatur għandu dan id-dritt ta' pretensjoni irrispettivament minn jekk il-konjuġi jirix xi ħaġa oħra jew le u minn jekk is-suċċessjoni ssirx skont testament u/jew *ab intestato*.

## 4 Jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni malli jmut xi ħadd, min jiret u kemm?

Jekk it-testatur ma ħalliex testment validu jew ftehim dwar is-suċċessjoni, is-suċċessjoni tiġi meqjusa *ab intestato* u tiġi regolata mil-liġi. Jekk it-testament jew ftehim dwar is-suċċessjoni tat-testatur ma jkoprox il-propjetà kollha tiegħu, is-suċċessjoni għall-parti mhux koperta isseħħ skont il-liġi. Il-werrieta *ab intestato* huma l-konjuġi u l-qraba tat-testatur; is-suċċessjoni sseħħ fuq tliet livelli. Il-konjuġi u l-werrieta jirtu flimkien *ab intestato*.

L-ewwel li jirtu huma d-dixxendenti tat-testatur (tfal, tfal adottati, neputijiet, eċċ). Flimkien magħhom, il-konjuġi jiret ammont ekwivalenti għas-sehem ta' tifel tat-testatur, u mhux inqas minn kwart il-wirt.

Jekk ma hemmx werrieta li jirtu l-ewwel, jirtu l-ġenituri tat-testatur u d-dixxendenti tagħhom (jiġifieri ħutu). Jekk iż-żewġ ġenituri tat-testatur għadhom ħajjin meta' tinfetaħ is-suċċessjoni, huma jirtu l-wirt kollu f'ishma ndaqs. Jekk missier jew omm id-*decujus* ikunu mietu meta' tinfetaħ is-suċċessjoni, it-tfal, it-tfal adottati u n-neputijiet eċċ jieħdu post il-ġenitur mejjet tagħhom. Flimkien mal-werrieta li jirtu fit-tieni post, il-konjuġi jiret nofs il-wirt.

Jekk ma hemmx werrieta li jirtu fit-tieni post, jirtu n-nanniet tat-testatur u d-dixxendenti tagħhom (jiġifieri z-zijiet tat-testatur). Jekk iż-żewġ ġenituri tat-testatur għadhom ħajjin meta' tinfetaħ is-suċċessjoni, huma jirtu l-wirt kollu f'ishma ndaqs. Jekk wieħed min-nanniet materni jew paterni tat-testatur ma kienx ħaj meta' nfetħet is-suċċessjoni, jieħdu postu t-tfal, tfal adottati u n-neputijiet eċċ tan-nanniet mejta. Jekk le, in-nanniet fl-istess naħa tal-familja jirtu sehem. Jekk anke n-nannu jkun mejjet, jirtu t-tfal tiegħu, it-tfal adottati u n-neputijiet. Jekk iż-żewġ nanniet paterni jew iż-żewġ nanniet materni tat-testatur huma mejta meta' tinfetaħ is-suċċessjoni u ma għandhomx dixxendenti, in-nanniet tan-naħa l-oħra tal-familja u t-tfal tagħhom, it-tfal adottati u n-neputijiet, eċċ tan-nanniet mejta jieħdu posthom. Id-dispożizzjonijiet dwar il-werrieta li jirtu l-ewwel japplikaw għad-dixxendenti li jieħdu post il-ġenituri tagħhom bħala werrieta.

Jekk it-testatur kien miżżewweġ u ma kellux werrieta li jirtuh l-ewwel jew werrieta li jirtu wara dawn tal-ewwel, il-konjuġi jiret il-wirt kollu.

Jekk it-testatur ma għandux werrieta *ab intestato* jew konjuġi, il-gvern lokali tal-post fejn infetħet is-suċċessjoni huwa l-werriet skont il-liġi. Il-post fejn infetħet is-suċċessjoni huwa l-aħħar post ta' residenza tat-testatur. Jekk l-aħħar post permanenti ta' residenza tat-testatur kien pajjiż għajr l-Estonja, iżda trid tiġi applikata l-liġi Estonjana għas-suċċessjoni, il-werriet *ab intestato* huwa r-Repubblika tal-Estonja.

## 5 Liema tip ta' awtorità hija kompetenti:

### 5.1 fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni?

Fl-Estonja, il-proċedimenti dwar is-suċċessjoni jitwettqu minn nutar Estonjan fejn inbdew il-proċedimenti ta' suċċessjoni jekk l-aħħar residenza tat-testatur kienet fl-Estonja. In-nutar jagħmel entrata fir-reġistru ta' suċċessjoni dwar il-fatt li bdew il-proċedimenti. Jekk l-aħħar residenza tat-testatur kienet f'pajjiż barrani, nutar Estonjan jenħtieġ li jmexxi proċedimenti ta' suċċessjoni biss fir-rigward ta' propjetà li tinsab l-Estonja sakemm il-proċedimenti ta' suċċessjoni ma jistgħux isiru fil-pajjiż barrani jew il-proċedimenti li qed isiru f'pajjiż barrani ma jinkludux il-propjetà li tinsab fl-Estonja jew jekk iċ-ċertifikat ta' suċċessjoni ppreparat fil-pajjiż barrani mhux rikonoxxut fl-Estonja.

Il-proċedimenti dwar is-suċċessjoni għandhom jitmexxew minn nutar Estonjan anke jekk ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 107-134), jirrikjedi li l-proċedimenti dwar is-suċċessjoni jitwettqu fl-Estonja, b'applikazzjoni tal-Artikoli 4-15 u 17 tal-istess Regolament.

### 5.2 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tas-suċċessjoni?

Id-dikjarazzjonijiet ta' aċċettazzjoni jew rinunzja tas-suċċessjoni jridu jiġu ppreżentati lin-nutar li qed jieħu ħsieb is-suċċessjoni. Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu awtentikati wkoll minn nutar ieħor li mbagħad jgħaddihom lin-nutar li jkun qed jieħu ħsieb il-proċedimenti.

L-uffiċjali konsulari bi kwalifiki speċjali u li jaħdmu fir-rappreżentazzjonijiet barranin tal-Estonja ukoll jistgħu jiċċertifikaw id-dikjarazzjonijiet ta' aċċettazzjoni jew rinunzja tas-suċċessjoni. L-uffiċjali konsulari huma obbligati jgħaddu minnufih id-dikjarazzjonijiet iċċertifikati lin-nutar li jkun qed jieħu ħsieb il-kwistjoni ta' suċċessjoni.

### 5.3 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tal-legalat?

Is-sistema ta' legalat jagħti lil-legalatarji d-dritt li jitolbu illi l-eżekutor tal-legalat jittrasferixxi l-oġġett tal-legalat. Biex jirċievi l-legalat, il-legalatarju jrid jissottometti talba ta' eżekuzzjoni tal-legalat lill-eżekutor. It-testatur jista' jimponi l-eżekuzzjoni tal-legalat bħala obbligu għall-werriet jew legalatarju ieħor. Jekk it-testatur ma ħatarx eżekutor għal-legalat, l-eżekutor ikun il-werriet.

Peress illi d-dispożizzjonijiet dwar l-aċċettazzjoni jew ir-rinunzja tas-suċċessjoni jiġu applikati għall-aċċettazzjoni u r-rinunzja ta' legalat, il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rinunzja ta' legalat waqt il-perjodu stabbilit għal dan il-għan ifisser l-aċċettazzjoni tal-legalat. Jekk il-legalatarju jixtieq jirrinunzja għal-legalat, id-dikjarazzjoni ta' rinunzja trid tiġi sottomessa matul il-perjodu stabbilit mil-liġi għar-rinunzja, li huwa ta' tliet xhur wara l-mewt tat-testatur u minn meta' jsir jaf illi għandu dritt jirċievi legalat.

Bħala parti mill-proċedimenti ta' suċċessjoni, in-nutar għandu jikkuntattja l-legalatarji kollha msemmija fit-testament u jinfurmahom bid-drittijiet tagħhom għal-legalat. Qabel is-sottomissjoni tat-talba għall-eżekuzzjoni tal-legalat, il-legalatarju għandu d-dritt jikseb informazzjoni dwar il-legalat. Bl-istess mod għall-aċċettazzjoni tas-suċċessjoni, id-dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni jew rinunzja tal-legalat hija irrevokabbli. Sabiex jinwoka d-drittijiet tiegħu, il-legalatarju għandu dritt jitlob lin-nutar li qed jieħu ħsieb is-suċċessjoni għal ċertifikat (ċertifikat ta' legalatarju) rigward il-kwistjoni ta' legalat.

Jekk il-legalat jikkonsisti f'propjetà immobbli jew xi oġġett ieħor li l-bejgħ tiegħu jrid jiġi awtentikat minn nutar, il-kuntratt ta' trasferiment tal-legalat bejn l-eżekutor tal-legalat u l-legalatarju wkoll irid jiġi awtentikat minn nutar.

Legalatarju li huwa werriet għandu dritt għal-legalat anke jekk jirrinunzja għall-wirt.

### 5.4 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja u aċċettazzjoni ta' sehem riżervat?

Il-porzjoni riservata hija talba ta' flus kontra werriet skont il-liġi tal-obbligazzjonijiet u trid tiġi preżentata lill-werrieta. Id-dritt għall-porzjoni riservata jsejtni mal-ftuħ tas-suċċessjoni. Ma hemmx għalfejn issir talba ma' nutar sabiex tingħata l-porzjoni riservata.

Jekk it-testatur, b'testament jew ftehim dwar is-suċċessjoni jkun iddiżereda lil dixxendent, lill-ġenituri tiegħu jew konjuġi li kellhom dritt jirtu *ab intestato* u li fir-rigward tiegħu it-testatur għandu, fi żmien il-mewt tiegħu, obbligu ta' manteniment skont l-Att dwar il-Liġi tal-Familja jew it-testatur ikun naqqas l-ishma tal-wirt meta' mqabbla mal-ishma skont is-suċċessjoni *ab intestato*, għandhom dritt jitolbu l-porzjoni riservata mill-werrieta.

In-nutar, fuq il-bażi ta' talba awtentikata minnu ta' werriet, eżekutor testamentarju jew persuna li għandha dritt għall-porzjoni riservata, għandu jawtentika ċ-ċertifikat dwar it-talba għall-porzjoni riservata - magħruf ukoll bħala ċ-ċertifikat tal-benefiċjarju tal-porzjoni riservata. Iċ-ċertifikat tal-benefiċjarju tal-porzjoni riservata għandu juri d-dettalji tal-benefiċjarju u s-sehem tal-porzjoni riservata bħala sehem legali tal-wirt.

Id-dritt għall-porzjoni riservata jista' jiġi rinunzjat permezz ta' ftehim dwar is-suċċessjoni bejn it-testatur u l-persuna li se tirtu. Il-ftehim irid jiġi awtentikat minn nutar.

## 6 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura biex issir suċċessjoni skont il-liġi nazzjonali, inkluż kif issir il-likwidazzjoni tal-patrimonju u kif jinqasmu l-assi (din tinkludi informazzjoni dwar jekk il-proċedura ta' suċċessjoni tinbeda minn qorti jew minn awtorità kompetenti oħra fuq inizjattiva tagħha stess)

Mal-ftuħ tas-suċċessjoni - jiġifieri mal-mewt tat-testatur - il-wirt jgħaddu għand il-werrieta, li jistgħu jkunu werrieta skont ftehim dwar is-suċċessjoni, werrieta skont testament jew werrieta *ab intestato*.

Sabiex tiġi determinata l-eliġibbiltà għall-wirt, il-proċedimenti dwar is-suċċessjoni jistgħu jinbdew minn werriet, kreditur tat-testatur, legalatarju jew persuna oħra bi dritt rigward il-wirt. Persuna li tixtieq tiftaħ proċedimenti trid

tikkuntattja nutar; in-nutar iħejji u jawtentika bil-firma tiegħu l-applikazzjoni għal dan il-għan. Il-proċedimenti jistgħu isiru biss minn nutar wieħed; għalhekk jekk il-proċedimenti dwar is-suċċessjoni diġà nbdew b'applikazzjoni quddiem nutar partikolari, in-nutar li jkun aċċetta t-tieni applikazzjoni jrid jgħaddiha lin-nutar li jkun qed imexxi diġà l-proċedimenti ta' suċċessjoni.

Il-werriet jista' jew jaċċetta jew jirrinunzja l-wirt. It-termini għar-rinunzja tad-dritt ta' suċċessjoni huwa tliet xhur. Dan il-perjodu jibda għaddej minn meta l-werriet isir jaf jew kellu jsir jaf bil-mewt tat-testatur u d-dritt għall-wirt. Jekk il-werriet ma jirrinunzjax għall-wirt matul dan iż-żmien, jiġi meqjus illi aċċetta l-wirt. Sabiex jaċċetta l-wirt, il-werriet jista' jmur għand in-nutar responsabbli għall-każ ta' suċċessjoni qabel ma jiskadi dan it-terminu.

Id-deċiżjoni tal-werriet biex jaċċetta jew jirrinunzja għall-wirt hija irriversibbli. Jekk il-wirt jiġi rifjutat, ma jistax jiġi aċċettat wara; jekk il-wirt jiġi aċċettat, ma jistax jiġi rrifjutat wara; Dan il-prinċipju japplika wkoll għall-aċċettazzjoni u r-rinunzja tal-legat - bl-eċċezzjoni illi l-legatarji li huma wkoll werrieta għandhom ukoll dritt għal-legat anke jekk ikunu rrifjutaw il-wirt.

Id-dikjarazzjonijiet ta' aċċettazzjoni u rinunzja tas-suċċessjoni jridu jiġu awtentikati minn nutar.

In-nutar għandu jdaħħal entrata dwar il-bidu tal-proċedimenti tas-suċċessjoni fir-reġistru tas-suċċessjoni immedjatament wara l-aċċettazzjoni tat-talba għall-bidu ta' proċedimenti dwar is-suċċessjoni u għandu jippubblika avviż li jikkonċerna l-bidu ta' proċedimenti tas-suċċessjoni fil-pubblikazzjoni uffiċjali *Ametlikud Teadaanded* (Avviżi Uffiċjali) mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol wara l-bidu tal-proċedimenti tas-suċċessjoni. In-nutar jibgħat ukoll avviż li jikkonċerna l-ftuħ ta' proċedimenti ta' suċċessjoni lill-werrieta magħrufa min-nutar u persuni oħra li ngħataw lhom drittijiet u li għew lhom imposti dmirijiet permezz ta' testament jew ftehim ta' suċċessjoni. Fil-każ ta' suċċessjoni abbażi tad-dispożizzjoni testamentarja tat-testatur, in-nutar għandu jinforma wkoll lill-persuni li kienu jirtu f'każ ta' suċċessjoni *ab intestato*.

Nutar għandu jagħmel inkjesti lir-reġistri li jikkonċernaw id-drittijiet u l-obbligi tat-testatur kif ukoll lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw fir-Repubblika ta' l-Estonja, li l-lista tagħhom għandha tiġi stabbilita b'regolament tal-**ministru responsabbli għaż-żona**. Minbarra dan, nutar jista' wkoll jagħmel inkjesti lil persuni oħrajn fuq il-bażi ta' applikazzjoni awtentikata notarili tal-inizjatur tal-proċedimenti ta' suċċessjoni jew kwalunkwe persuna oħra li jkollha drittijiet fir-rigward tal-patrimonju. Jekk it-testatur kien miżżewweġ fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni u t-tip ta' relazzjoni proprjetarja tal-miżżewġin kienet koproprietà, nutar għandu jissottometti wkoll inkjesti korrispondenti li jikkonċernaw id-drittijiet u l-obbligi tal-konjuġi superstiti tat-testatur.

Il-persuna intitolata li tiftaħ il-proċedimenti tas-suċċessjoni għandha d-dritt li tikseb informazzjoni mingħand in-nutar matul il-proċedimenti tas-suċċessjoni dwar min ikun aċċetta s-suċċessjoni u min ikun irrinunzja s-suċċessjoni. Persuna li tkun wirtet fil-każ ta' suċċessjoni *ab intestato* ikollha l-istess dritt fil-każ ta' suċċessjoni abbażi ta' dispożizzjoni testamentarja. Il-persuni msemmijin iktar 'il fuq għandhom ukoll id-dritt li jeżaminaw ir-riżultati tal-inkjesti magħmula fir-rigward tad-drittijiet u tal-obbligi tat-testatur. Fil-każ ta' suċċessjoni abbażi ta' intenzjoni testamentarja, il-persuna li tkun wirtet fil-każ ta' suċċessjoni *ab intestato* jkollha d-dritt li teżamina t-testament u l-ftehim dwar is-suċċessjoni.

Jekk tingħata prova suffiċjenti li tikkonċerna d-dritt tas-suċċessjoni tal-werriet u sa fejn jasal dan id-dritt, in-nutar għandu jawtentika ċertifikat tas-suċċessjoni, iżda mhux aktar kmieni minn xahar wara l-pubblikazzjoni tal-avviż tal-ftuħ tal-proċedimenti tas-suċċessjoni fil-pubblikazzjoni uffiċjali *Ametlikud Teadaanded*. In-nutar għandu jdaħħal entrata dwar l-awtentikazzjoni taċ-ċertifikat tas-suċċessjoni fir-reġistru tas-suċċessjoni.

Wara l-ħruġ taċ-ċertifikat tas-suċċessjoni, il-werrieta jistgħu jaqsmu l-patrimonju bi ftehim. F'każ ta' tilwima, il-patrimonju jinqasam minn qorti fuq talba tal-werriet.

Wara d-diviżjoni ta' patrimonju, għandu jiġi ddeterminat liema oġġetti jew ishma ta' oġġetti u liema drittijiet u obbligi li jiffurmaw parti mill-patrimonju jiġu ttrasferiti lil kull kowerriet. Patrimonju għandu jinqasam fost il-werrieta skont is-sehem tagħhom tal-patrimonju, abbażi tal-valur tas-soltu tal-oġġetti li jiffurmaw parti mill-patrimonju fil-mument tad-diviżjoni. Bi qbil mal-werrieta, oġġett li jifforma parti mill-patrimonju jista' jiġi evalwat fuq il-bażi tal-interess speċjali ta' werriet.

## 7 Kif u meta wieħed isir werriet jew legatarju?

Is-suċċessjoni tinfetaħ mal-mewt tal-individwu. Mal-ftuħ tas-suċċessjoni, il-wirt jgħaddi għand il-werriet. Is-suċċessjoni hija bbażata fuq il-liġi jew fuq l-aħħar xewqat tat-testatur, permezz ta' testment jew ftehim dwar is-suċċessjoni. Id-dritt ta' suċċessjoni skont ftehim huwa ppreferut għad-dritt ta' suċċessjoni skont testment, u dawn it-tnejn terġa' huma ppreferuti għad-dritt ta' suċċessjoni *ab intestato*.

Ma għandix għalfejn tiġi sottomessa applikazzjoni ġdida sabiex jingħata l-wirt. Mal-aċċettazzjoni tal-wirt, id-drittijiet u l-obbligi kollha tat-testatur jgħaddu għand il-werriet, ħlief dawk li min-natura tagħhom huma marbuta mal-persuna tat-testatur jew li bil-liġi ma jistgħux jiġu trasferiti. Jekk il-werriet jaċċetta l-wirt, is-sjieda tal-oġġetti fil-wirt tiġi meqjusa trasferita retroattivament mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni. Jekk is-suċċessjoni ġiet aċċettata minn aktar minn werriet wieħed (ko-werrieta), il-wirt huma tagħhom b'mod konġunt.

Kull persuna b'kapaċità ġuridika tista' taret - inklużi persuni fiżiċi li għadhom ħajjin meta' miet it-testatur, u l-persuni ġuridiċi li kienu stabbiliti dak iż-żmien. Wild li jitwieled ħaj wara l-ftuħ tas-suċċessjoni jitqies li jista' jret jekk ikun ġie konċepit qabel il-ftuħ tas-suċċessjoni. Fondazzjoni mwaqqfa fuq il-bażi ta' testment jew ta' ftehim dwar is-suċċessjoni tiġi meqjusa li kienet teżisti mal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk wara takkwista drittijiet bħala persuna ġuridika.

Il-konjuġi superstiti ma għandux dritt ta' suċċessjoni jew dritt għal sehem preferenzjali jekk it-testatur ressaq rikors għad-divorzju qabel miet jew talab għall-kunsens bil-miktub għad-divorzju, jew fi żmien meta' miet kellu dritt jitlob għall-annullament taż-żwieġ u ressaq rikors għal dan il-għan quddiem il-qorti.

Ġenitur li tneħħietlu s-setgħa tal-ġenituri ma jistax jret lit-tfal tiegħu skont il-liġi.

Persuna li tissodisfa xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin ma tistax taret:

- jekk volontarjament toqtol jew tkun ippruvat toqtol lit-testatur,
- jekk bi ħsieb u kontra l-liġi tqiegħed lit-testatur f'sitwazzjoni fejn it-testatur ma kienx kapaċi jesprimi jew iħassar ix-xewqat testamentarji tiegħu,
- b'theddid jew bil-qerq ma ħallietx lit-testatur jagħmel jew ibiddel xi dispożizzjoni testamentarja jew bl-istess mod ġiegħlet lit-testatur jagħmel jew iħassar xi dispożizzjoni testamentarja jekk it-testatur ma setax jesprimi x-xewqat tiegħu dwar it-testament,
- bi ħsieb u kontra l-liġi ħbiet jew qerdet testment jew ftehim dwar is-suċċessjoni jekk ma kienx aktar possibbli għat-testatur biex iġeddu;
- jekk iffalsifikat it-testament li għamel it-testatur jew il-ftehim dwar is-suċċessjoni jew xi parti minnu.

Skont il-liġi Estonjana, il-benefiċjarju tal-porzjoni riservata mhux jitqiesx bħala werriet; il-benefiċjarju tal-porzjoni riservata għalhekk għandu dritt kontra l-werrieta biex jitħallas skont il-liġi tal-obbligi. Id-dritt biex tintalab il-porzjoni riservata mingħand il-werrieta jseħħ jekk it-testatur, b'testment jew ftehim dwar is-suċċessjoni jkun iddiżereda lil dixxendent, lill-ġenituri tiegħu jew konjuġi li kellhom dritt jirtu *ab intestato* u li fir-rigward tiegħu it-testatur għandu, fi żmien il-mewt tiegħu, obbligu ta' manteniment skont l-Att dwar il-Liġi tal-Familja jew it-testatur ikun naqqas l-ishma tal-wirt meta' mqabbla mal-ishma skont is-suċċessjoni *ab intestato*. L-ammont tal-porzjoni riservata huwa ta' nofs il-valur tas-sehem tal-wirt li kien jirċievi l-werriet fil-każ ta' suċċessjoni *ab intestato*, li kieku l-werrieta kollha aċċettaw il-wirt.

Il-proċedimenti ta' suċċessjoni jistgħu jinbdew minn werriet, minn kreditur tat-testatur, legatarju jew persuna oħra li għandha dritt fuq il-wirt, permezz ta' rikors awtentikat minn nutar. Il-proċedimenti ta' suċċessjoni jsiru minn nutar Estonjan li għandu nbdew il-proċedimenti u li huwa mniżżel fir-reġistru ta' suċċessjoni bħala eżekuttur tal-proċedimenti ta' suċċessjoni. Il-proċedimenti jistgħu isiru biss minn nutar wieħed; għalhekk jekk il-proċedimenti dwar is-suċċessjoni diġà nbdew b'applikazzjoni quddiem nutar partikolari, in-nutar li jkun aċċetta t-tieni applikazzjoni jrid jgħaddiha lin-nutar li jkun qed imexxi diġà l-proċedimenti ta' suċċessjoni. In-nutar jawtentika ċ-ċertifikat ta' suċċessjoni jekk ikollu biżżejjed provi dwar id-dritt ta' suċċessjoni ta' werriet. Jekk ikun hemm aktar minn werriet wieħed, in-nutar irid jindika l-valur tas-sehem mill-wirt ta' kull werriet.

Il-werriet jista' jew jaċċetta jew jirrinunzja għall-wirt. Jekk il-persuna li għandha dritt taret ma tiffinunzja għall-wirt fi żmien tliet xhur minn meta ssir taf jew kellha ssir taf bid-dritt tagħha għall-wirt, hija tiġi meqjusa li aċċettat il-wirt. Persuna li tiffinunzja għall-wirt tevita l-konsegwenzi legali marbuta mas-suċċessjoni.

## 8 Il-werrieta huma responsabbli għad-djun tal-mejjet, u jekk iva, skont liema kundizzjonijiet?

Iva, il-werriet obligat iwettaq l-obbligi kollha tat-testatur. Jekk il-wirt ma jkunx biżżejjed, il-werriet irid jagħmel tajjeb għad-dejn tat-testatur bil-propjetà tiegħu stess, sakemm ma jkunx għamel tajjeb għalihom, wara li jkun għamel inventarju, skont il-proċedura stabbilita mil-liġi, sakemm il-wirt ma jkunx ġie ddikjarat fallut jew il-proċedimenti ta' falliment ma jkunux ġew itterminati mingħajr dikjarazzjoni ta' falliment.

Jekk il-werriet jitlob il-benefiċċju tal-inventarju, il-kredituri tiegħu ma jistgħux jissodisfaw it-talbiet tagħhom għall-ħlas kontra l-werriet bi flus mill-wirt sakemm ikun sar l-inventarju, iżda mhux aktar tard mill-iskadenza tat-terminu għall-inventarju. Wara li jkun sar l-inventarju, ir-responsabbiltà tal-werriet għad-dejn tal-wirt tiġi limitata għall-valur tal-wirt.

## 9 Liema huma d-dokumenti u/jew l-informazzjoni normalment meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprietà immobbli?

Jekk it-testatur kellu propjetà immobbli, l-entrata fir-reġistru tal-artijiet issir invalida ma' mewtu, għaliex il-persuna mniżżla fir-reġistru tal-artijiet bħala sid id-dritt reali mhix il-persuna li lilha jappartjeni d-dritt reali (fil-liġi sostantiva), peress illi l-assi kollha tat-testatur jgħaddu għand persuna oħra - il-werriet - mal-ftuħ tas-suċċessjoni.

Biex il-werrieta jidħlu fir-reġistru tal-artijiet, trid issir applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mis-sid il-ġdid tad-dritt reali, u magħha jrid jiġi mehmuż dokument li juri s-suċċessjoni – jiġifieri ċ-ċertifikat ta' suċċessjoni.

Jekk id-dritt reali ġie trasferit lil numru ta' kowerrrieta, id-dikjarazzjoni ta' wieħed minnhom hija biżżejjed sabiex issir entrata korretta, jiġifieri ma hemmx bżonn il-kunsens tagħhom kollha, għaliex werriet ma jistax iżomm titolu li diġà ġie trasferit lilu milli jidher fuq ir-reġistru tal-artijiet. L-istess prinċipju japplika jekk ġiet trasferita parti minn komunità ta' kowerrrieta.

Il-leġiżlazzjoni tistabbilixxi rekwiżiti speċjali jekk, skont iċ-ċertifikat ta' suċċessjoni, il-konjuġi kellhom propjetà bejniethom. F'dan il-każ, kull oġġett speċifiku jista' jkun kemm propjetà komuni jew separata, u din il-kwistjoni ma tistax tinqata' matul l-awtentikazzjoni ta' ċ-ċertifikat ta' suċċessjoni.

Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tistabbilixxi eċċezzjonijiet għas-sitwazzjoni fejn il-werrieta jkunu qasmu l-wirt għall-fini tal-likwidazzjoni tal-komunjoni, fejn jiġi determinat liema oġġetti jew partijiet minnhom, jew liema drittijiet u obbligi tal-wirt se jkollu kull werriet flimkien ma propjetà immobbli .

Jekk it-testatur qatt ma żżewweġ, jridu jiġu pprovduti dawn li ġejjin sabiex tiġi korretta d-data fir-reġistru tal-artijiet:

- ċertifikat ta' suċċessjoni,
- applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, awtentikata minn nutar jew iffirmata b'mod diġitali; applikazzjoni għar-reġistrazzjoni iffirmata b'mod diġitali li trid tiġi ppreparata u sottomessa lid-dipartiment tar-reġistrazzjoni tal-artijiet fuq il-portal tar-reġistrazzjoni tal-artijiet(<https://kinnistuportaal.rik.ee>); il-portal jista' jiġi aċċessat permezz ta' karta tal-identità Estonjana, ID tal-mowbajl, ċerti karti tal-identità barranin jew permezz tal-portal tal-Istat <https://www.eesti.ee>.

Ma titħallas l-ebda tariffa tal-Istat għall-korrezzjoni ta' entrata fir-reġistru tal-artijiet.

F'dan il-każ, il-werrieta kollha mniżżla fuq iċ-ċertifikat ta' suċċessjoni jitniżżlu fir-reġistru bħala kopropjetarji.

Fl-istess każ fejn il-wirt jinqasam bejn il-kopropjetarji b'mod illi l-propjetà immobbli tinżamm minn kowerriet speċifiku, dawn li ġejjin jridu jiġu sottomessi sabiex tiġi emendata l-entrata fir-reġistru tal-artijiet:

- ftehim dwar id-diviżjoni tal-wirt, awtentikat minn nutar Estonjan,
- applikazzjoni għar-reġistrazzjoni (tista' tiġi nkluża fil-ftehim dwar id-diviżjoni tal-wirt, imsemmi hawn fuq).

Titħallas tariffa tal-Istat għall-korrezzjoni ta' entrata fir-reġistru tal-artijiet.

F'dan il-każ, il-persuna ndikata fil-ftehim dwar id-diviżjoni tal-wirt bħala l-persuna li lilha tingħata l-propjetà immobbli speċifika skont il-ftehim tiġi reġistrata bħala sid il-propjetà fir-reġistru tal-artijiet.

Iċ-ċertifikat ta' suċċessjoni jrid jiġi ppreżentat lin-nutar għan-notarizzazzjoni tal-ftehim dwar id-diviżjoni tal-wirt.

Jekk iż-żwieġ tat-testatur ikun inħall fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni jew intemm bil-mewt tiegħu, iżda l-propjetà immobbli fil-wirt ma kienx il-propjetà komuni tal-eks konjuġi, jridu jiġu ppreżentati dawn li ġejjin sabiex tiġi korretta l-entrata fir-reġistru tal-artijiet:

- ċertifikat ta' suċċessjoni,
- ċertifikat tad-dritt ta' sjieda, li juri illi l-propjetà hija propjetà separata tat-testatur,
- applikazzjoni għar-reġistrazzjoni awtentikata b'firma diġitali trid tiġi ppreparata u ppreżentata fid-dipartiment tar-reġistrazzjoni tal-artijiet permezz tal-portal tar-reġistrazzjoni tal-artijiet(<https://kinnistuportaal.rik.ee>); il-portal jista' jiġi aċċessat permezz ta' karta tal-identità Estonjana, ID tal-mowbajl, ċerti karti tal-identità barranin jew permezz tal-portal tal-Istat <https://www.eesti.ee>.

Ma titħallas l-ebda tariffa tal-Istat għall-korrezzjoni ta' entrata fir-reġistru tal-artijiet.

Il-werrieta kollha mniżżla fuq iċ-ċertifikat ta' suċċessjoni jitniżżlu fir-reġistru tal-artijiet.

Għall-finijiet tan-notarizzazzjoni taċ-ċertifikat tad-dritt ta' sjieda, l-applikant irid jipprova lin-nutar illi l-propjetà kienet propjetà esklussiva (propjetà separata) tal-konjuġi. Bħala regola ġenerali, id-dokumenti li jikkostitwixxu l-bażi għall-akkwist tal-propjetà għandhom jingħataw lin-nutar, jekk in-nutar ma jistax jiksibhom, sabiex jiġi ppruvat illi l-konjuġi kienu qasmu l-propjetà jew ikklassifikaw l-ass bħala propjetà separata (pereżempju ftehim dwar il-propjetà matrimonjali, ftehim dwar id-diviżjoni tal-propjetà konġunta, dokument ieħor dwar l-akkwist li juri illi hija propjetà separata, bħal kuntratt mingħajr ħlas, eċċ).

Jekk iż-żwieġ tat-testatur kien inħall fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni jew intemm bil-mewt tiegħu, u l-propjetà immobbli fil-wirt kienet propjetà komuni tal-eks konjuġi, jridu jiġu ppreżentati dawn li ġejjin sabiex tiġi korretta l-entrata fir-reġistru tal-artijiet:

- ċertifikat ta' suċċessjoni,
- ċertifikat tad-dritt ta' sjieda, li juri illi l-propjetà hija propjetà tat-testatur u tal-eks konjuġi tiegħu,
- applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, awtentikata minn nutar jew iffirmita b'mod diġitali; applikazzjoni għar-reġistrazzjoni iffirmita b'mod diġitali li trid tiġi ppreparata u sottomessa lid-dipartiment tar-reġistrazzjoni tal-artijiet fuq il-portal tar-reġistrazzjoni tal-artijiet(<https://kinnistuportaal.rik.ee>); il-portal jista' jiġi aċċessat permezz ta' karta tal-identità Estonjana, ID tal-mowbajl, ċerti karti tal-identità barranin jew permezz tal-portal tal-Istat <https://www.eesti.ee>.

Ma titħallas l-ebda tariffa tal-Istat għall-korrezzjoni ta' entrata fir-reġistru tal-artijiet.

Il-werrieta kollha mniżżla fiċ-ċertifikat ta' suċċessjoni u l-konjuġi superstiti jew eks konjuġi jitniżżlu fir-reġistru tal-artijiet humiex werrieta jew le.

Għall-finijiet tan-notarizzazzjoni taċ-ċertifikat tad-dritt ta' sjieda, l-applikant irid jipprova lin-nutar illi l-propjetà kienet propjetà esklussiva (propjetà separata) tal-konjuġi. Bħala regola ġenerali, id-dokumenti li jservu bħala bażi għall-akkwist tal-propjetà għandhom jingħataw lin-nutar, jekk in-nutar ma jkunx jista' jiksibhom hu stess (fost l-oħrajn, il-ftehim dwar id-diviżjoni tal-propjetà konġunta, il-kuntratt dwar il-propjetà matrimonjali).

Jekk iż-żwieġ tat-testatur kien inħall fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni jew intemm bil-mewt tiegħu, u l-propjetà immobbli fil-wirt kienet propjetà komuni tal-eks konjuġi u l-wirt huwa maqsum bejn kowerrieta b'mod illi l-propjetà immobbli se tinżamm minn werriet speċifiku, iridu jiġu ppreżentati dawn li ġejjin sabiex tiġi korretta l-entrata fir-reġistru tal-artijiet:

- ċertifikat tad-dritt ta' sjieda u ftehim dwar id-diviżjoni tal-propjetà matrimonjali konġunta, awtentikata minn nutar Estonjan.
- applikazzjoni għar-reġistrazzjoni (tista' tiġi nkluża fil-ftehim imsemmi hawn fuq dwar id-diviżjoni tal-propjetà konġunta u l-wirt).

Titħallas tariffa tal-Istat għall-korrezzjoni ta' entrata fir-reġistru tal-artijiet.

Bħala riżultat tad-diviżjoni tal-propjetà matrimonjali konġunta, it-testatur u l-konjuġi superstiti jgħid li fir-reġistru tal-artijiet bħala s-sidien skont l-ishma legali tagħhom. Il-werrieta mniżżla fiċ-ċertifikat ta' suċċessjoni li tiġi trasferita lilhom is-sjeda ta' propjetà immobbli speċifika skont il-ftehim jgħid li fir-reġistru tal-artijiet bħala s-sidien tas-sehem legali tat-testatur. Jekk is-sehem legali li jmiss lill-werrieta jinqasam bejniethom, id-daqs ta' dak is-sehem li jmiss lil kull werriet għandu jiġi indikat.

Għall-finijiet tan-notarizzazzjoni taċ-ċertifikat tad-dritt ta' sjeda, l-applikant irid jipprova lin-nutar illi l-propjetà kienet propjetà esklussiva (propjetà separata) tal-konjuġi.

F'dan il-każ wieħed jista' wkoll jissottometti dawn li ġejjin biex jemenda l-entrata fir-reġistru tal-artijiet:

- ftehim dwar id-diviżjoni tal-propjetà konġunta tal-eks konjuġi u ftehim dwar id-diviżjoni tal-wirt, awtentikat minn nutar Estonjan,
- applikazzjoni għar-reġistrazzjoni (tista' tiġi nkluzja fil-ftehim imsemmi hawn fuq dwar id-diviżjoni tal-propjetà konġunta u l-wirt).

Titħallas tariffa tal-Istat għall-korrezzjoni ta' entrata fir-reġistru tal-artijiet.

Il-persuna ndikata fil-ftehim dwar id-diviżjoni tal-wirt bħala l-persuna li lilha tingħata l-propjetà immobbli speċifika skont il-ftehim tiġi reġistrata bħala sid il-propjetà fir-reġistru tal-artijiet.

Għall-finijiet tan-notarizzazzjoni taċ-ċertifikat tad-dritt ta' sjeda, l-applikant irid jipprova lin-nutar illi l-propjetà kienet propjetà esklussiva (propjetà separata) tal-konjuġi.

**9.1 Il-ħatra ta' amministratur hija obligatorja jew issir obligatorja wara li ssir it-talba? Jekk hija obligatorja jew obligatorja fuq talba, x'inhuma l-passi li għandhom jittieħdu?**

Fil-każ tal-mewt tat-testatur, il-qorti trid timplimenta miżuri għall-ġestjoni tal-wirt jekk:

- mhux magħruf min hu l-werriet,
- ma hemmx werriet fil-post fejn jinsab il-wirt,
- mhux magħruf jekk il-werriet aċċettax il-wirt,
- il-werriet għandu kapaċità restrittiva u ma ġiex innominat kuratur għalih,
- jeżistu raġunijiet oħra skont il-liġi.

Il-miżuri għall-ġestjoni tal-wirt huma l-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni tal-wirt u l-applikazzjoni ta' miżuri biex issir miżura pprovduta fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Il-qorti taħtar amministratur għall-ġestjoni tal-wirt.

Il-qorti trid timplimenta dawk il-miżuri ta' ġestjoni *ex officio* sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor. Il-qorti tista' tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tal-miżuri għall-ġestjoni ta' wirt fuq talba ta' kreditur tat-testatur, legatarju jew kull persuna oħra li għandha dritt fuq il-wirt jekk il-falliment tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni jista' jippreġudika l-għotja tat-talba tal-persuna msemmija hawn qabel mill-assi tal-wirt. F'każ ta' tilwim dwar min għandu dritt jiret, qorti tista' tiddeċiedi wkoll dwar l-applikazzjoni ta' miżuri għall-ġestjoni tal-wirt fuq talba ta' persuna li qed titlob ir-rikonnoxximent tad-dritt tagħha ta' suċċessjoni.

F'każ illi xewqa testamentarja ma tiġix eżegwita, il-qorti tista' taħtar amministratur biex jeżegwixxi x-xewqat fuq petizzjoni minn persuna interessata. L-amministratur għandu d-drittijiet u l-obbligi ta' eżekutur testamentarju fir-rigward tal-propjetà magħżula għall-eżekuzzjoni ta' xewqa testamentarja.

L-istituzzjonijiet nazzjonali u tal-gvern lokali, in-nutara u l-bailiffs huwa obbligati jinnotifikaw lill-qorti bil-ħtieġa li, jekk isiru jafu bihom, jiġu implimentati l-miżuri ta' ġestjoni.

**9.2 Min huwa intitolat li jesegwixxi d-dispożizzjoni testamentarja mal-mewt tal-persuna u/jew li jamministra l-patrimonju?**

Jekk ikunu għadhom ma ġewx implimentati l-miżuri ta' ġestjoni fir-rigward tal-wirt, il-werrieta jamministrawh flimkien. Il-werrieta għandhom obbligu jwettqu d-dispożizzjonijiet kollha magħmula fit-testament, inkluż it-trasferiment tal-wirt permezz tad-dispożizzjonijiet magħmula fit-testament.

Jekk il-miżuri ta' ġestjoni ġew implimentati, il-wirt jiġi amministrat mill-amministratur maħtur mill-qorti, li jista' jirċievi struzzjonijiet mingħand il-qorti dwar il-pussess, l-użu u t-trasferiment tal-assi. L-amministratur jista' jittrasferixxi l-wirt biss biex ikun jista' jwettaq l-obbligi tiegħu u biex ikopri l-ispejjeż marbuta mal-amministrazzjoni tal-wirt. L-amministratur għandu jaqdi l-obbligi tal-amministratur tal-wirt li tistabbilixxi l-liġi.

Jekk it-testament isemmi l-ħatra ta' eżekutor, werriet ma jistax jiddisponi mill-oġġetti li jiffurmaw parti mill-wirt illi huma meħtieġa mill-eżekutor biex iwettaq dmirijietu. L-eżekutor għandu l-obbligi li jamministra l-assi b'mod prudenti u jagħti lill-werrieta l-oġġetti li ma għandux bżonn fl-eżekuzzjoni tat-testament. Sakemm il-werriet jasal biex jaċċetta l-wirt, l-eżekutor huwa obligat jaqdi d-dmirijiet ta' amministratur tal-wirt jew jitlob li jkun l-amministratur.

### 9.3 X'setgħat għandu amministratur?

Id-drittijiet, l-obbligi u s-setgħat tal-amministratur tal-wirt

- jamministra l-propjetà b'mod prudenti u jiżgura l-preservazzjoni tiegħu.
- jipprova manteniment mill-wirt lill-membri tal-familja li kienu jgħixu mat-testatur sakemm miet u li kienu jirċievu manteniment mingħandu.
- jissodisfa l-obbligi marbuta mal-wirt mill-wirt stess u jagħti rapport dwar l-amministrazzjoni tal-propjetà lill-qorti u lill-werrieta.
- jieħu fil-pussess tiegħu il-wirt li jkun għand werriet jew parti terza jew jiggarantixxi s-separazzjoni tal-wirt mill-propjetà tal-werriet b'kull mezz ieħor, jekk ikun meħtieġ għall-preservazzjoni tal-wirt.
- jissottometti applikazzjoni quddiem nutar għall-ftuħ tal-proċedimenti ta' suċċessjoni, jekk meħtieġ, jew jieħu miżuri oħra għall-identifikazzjoni tal-werriet jekk in-nutara Estonjani ma għandhom kompetenza biex imexxu l-proċedimenti ta' suċċessjoni.
- l-amministratur tal-wirt, wara li jkun għamel inventarju, jrid jissodisfa t-talbiet imdaħħla fl-inventarju tal-wirt li għalihom waslet il-ġurnata ta' skadenza. L-amministratur tal-wirt jista' jissodisfa t-talbiet li għadhom mhux dovuti bil-kunsens tal-werriet biss. Jekk il-qorti tiddeċiedi wkoll dwar l-applikazzjoni tal-miżuri għall-ġestjoni ta' wirt fuq talba ta' kreditur tat-testatur, legatarju jew kull persuna oħra li għandha dritt fuq il-wirt, fejn il-falliment tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni jista' jippreġudika l-għotja tat-talba tal-persuna msemmija hawn qabel mill-assi tal-wirt, l-amministratur irid, wara t-tnejn tal-inventarju tal-wirt, jissodisfa t-talbiet kollha mdaħħla fl-inventarju tal-wirt mill-assi tal-wirt fl-ordni stabbilit mil-liġi. Il-wirt ma jistax jingħata lill-werriet qabel jiġi ssodisfati t-talbiet kollha.
- Jekk il-wirt ma jkunx biżżejjed biex jiġi ssodisfati t-talbiet kollha u l-werriet ma jaqbilx illi dawn għandhom joħroġu mill-propjetà tiegħu stess, l-amministratur tal-wirt jew il-werriet irid jissottometti fil-pront applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' falliment tal-wirt. Amministratur jista' jiddisponi mill-wirt biss biex jissodisfa l-obbligi mniżżla fih u biex ikopri l-ispejjeż marbuta mal-amministrazzjoni tal-wirt. Amministratur ma għandux dritt jiddisponi minn propjetà immobbli li qiegħda fil-wirt mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti. Dan ma japplikax f'każ fejn ma nstabx werriet fi żmien sitt xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni jew jekk il-werriet li aċċetta s-suċċessjoni għadu ma bediex jamministra l-wirt fi żmien sitt xhur mill-aċċettazzjoni tal-wirt; f'dan il-każ, l-amministratur jista' jbigħ mill-wirt wara li jkun għamel inventarju u jiddepożita l-flus li jirċievi mill-bejgħ ta' oġġetti mill-wirt.
- Il-werriet ma għandux dritt jiddisponi mill-wirt li ġie mogħti f'idejn amministratur għall-finijiet ta' amministrazzjoni.
- L-amministratur tal-wirt għandu dritt jirċievi tariffa għall-qadi ta' dmirijietu, bl-ammont jiġi determinat minn qorti.

Id-drittijiet, l-obbligi u s-setgħat ta' eżekutor testamentarju

- Eżekutor testamentarju jaqdi d-dmirijiet stabbiliti mil-liġi sakemm ma jkunx provdut mod ieħor fit-testament. L-eżekutor testamentarju jista' jidderoga mid-dmirijiet mogħtija lilu fit-testament bil-kunsens tal-partijiet interessati jekk dan ikun fl-interess tal-eżekuzzjoni tax-xewqa testamentarja tat-testatur.
- L-eżekutor huwa obligat li, minnufih wara li jkun aċċetta l-kariga, jagħti lill-werriet lista ta' oġġetti fis-suċċessjoni illi jeħtieġ biex ikun jista' jaqdi dmirijietu.
- Sakemm il-werriet jasal biex jaċċetta l-wirt, l-eżekutor huwa obligat jaqdi d-dmirijiet ta' amministratur tal-wirt jew jitlob li jkun l-amministratur.
- L-eżekutor testamentarju huwa meħtieġ jeżegwixxi l-legati, l-obbligi testamentarji, ix-xewqat testamentarji u obbligi oħra ġejjin mit-testament jew mill-ftehim dwar is-suċċessjoni.
- L-eżekutor testamentarju huwa meħtieġ jamministra bi prudenza u jippreserva l-wirt li huwa meħtieġ

għall-qadi ta' dmirijietu.

- Eżekutor testamentarju għandu jieħu fil-pussess tiegħu oġġett li jiffirma parti minn wirt jew jiżgura b'mezzi oħra s-separazzjoni tal-oġġett mill-propjetà tal-werriet jekk huwa meħtieġ għall-qadi tad-dmirijiet tal-eżekutor testamentarju.
- Eżekutor testamentarju għandu dritt jieħu fuqu obbligi fir-rigward ta' suċċessjoni u li jiddisponi minn oġġetti li jiffurmaw parti mill-wirt, jekk ikun meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu.
- Jekk it-testatur għamel dispożizzjonijiet fir-rigward tad-diviżjoni tal-wirt, l-eżekutor testamentarju għandu jaqsam il-wirt bejn il-werrieta.
- L-eżekutor testamentarju għandu dritt jirrappreżenta werriet jew legatarju sa fejn hu meħtieġ għat-twettiq ta' dmirijietu.
- L-eżekutor testamentarju irid jagħti lill-werrieta dawk l-oġġetti mill-wirt li qiegħdin fil-pussess tiegħu u li ma għandux bżonn fit-twettiq ta' dmirijietu.
- Jekk eżekutor testamentarju mhux meħtieġ jeżegwixxi personalment dispożizzjoni tat-testatur, l-eżekutor jista' jitlob li din issir minn werriet.
- Werriet ma għandux dritt jiddisponi mill-oġġetti li jiffurmaw parti mill-wirt illi għandu bżonn l-eżekutor testamentarju biex jaqdi dmirijietu.
- Eżekutor testamentarju huwa responsabbli għal kull dannu li jikkawża lill-werriet jew legatarju meta' ma jaqdx dmirijietu.
- Eżekutor testamentarju jrid jagħti rapport dwar l-attività tiegħu lill-werrieta u l-legatarji.
- L-ispejjeż neċessarji li jġarrab l-eżekutor fil-qadi ta' dmirijietu jiġu rimborżati mill-wirt.
- Huwa għandu dritt jitlob kumpens xieraq għall-ħidma tiegħu sakemm ma jkunx provdut mod ieħor fit-testament.

## 10 Liema dokumenti huma tipikament maħruġa skont il-liġi nazzjonali matul jew fl-aħħar tal-proċedimenti ta' suċċessjoni li jippruvaw l-istatus u d-drittijiet tal-benefiċjarji? Għandhom effetti evidenzjarji speċifiċi?

Jekk jingħataw biżżejjed provi dwar id-dritt ta' suċċessjoni tal-werrieta u l-firxa tiegħu, in-nutar jinnotarizza ċ-ċertifikat ta' suċċessjoni, fejn jindikax d-daqs tas-sehem mill-wirt ta' kull werriet; madankollu ċ-ċertifikat ma jindikax minn xiex hu kompost il-wirt.

Id-drittijiet u l-obbligi tat-testatur jittrasferixxu legalment lill-werriet mill-mument tal-mewt tat-testatur. Ċertifikat tas-suċċessjoni mhuwiex att leġiżlattiv, jiġifieri ċertifikat tas-suċċessjoni ma jtemmx jew joħloq [dritt ta' proprjetà](#). Ċertifikat tas-suċċessjoni huwa dokument li jiċċertifika s-suċċessjoni legali li fil-każ tiegħu jiġi preżunt li l-persuna jew persuni speċifikati fiċ-ċertifikat huma l-werrieta sal-punt iddikjarat fih.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



---

L-aħħar aġġornament: 18/04/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.